# Opri Artistiċi

## *fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ*



**Kitba ta' Raymond Saliba**

Wara li s-sena l-oħra tajt ħarsa lejn il-binja arkitettonkia tat-tempju Filippin, din id-darba ħsibt li jkun xieraq nitkellmu ftit dwar xi oġġetti li jinsabu jżejnu din il-knisja, speċjalment matul il-festa titulari. Kull delettant tal-festa, kif ukoll kull min japprezza l-arti jaf li din il-knisja tippossjedi waħda mill-iprem kollezzjonijiet ta' arredamenti sagri. U dan f'diversi snajja.

Wieħed irid dejjem jara l-istat soċjali tan-nies tar-raħal biex jista' jifhem kif u għala akkumula dan il-ġid kollu. Verament li sa mis-seklu ħmistax dik kienet diġà tiffunzjona bħala parroċċa u allura kellha



ċerta prestiġju fuq knejjes iżgħar madwarha. Però, knejjes oħra parrokkjali mhux dejjem kellhom daqshekk ġid. Hu interessanti ferm per-eżmpju ninnotaw li fi żmien il-Viżitatur Appostoliku Mons. Duzina (1575) din kienet l-uniku knisja b'kampnar imdaqqas. Dan kien mhux fil-post tal-kampnari ta' llum iżda fuq wara. Sal-1692 din il-knisja kienet anke kkuntrattat orgni mingħand Turiglio ta' Messina. Dawn l-opri llum m'għadhomx magħna bħal bosta affarijiet oħra, però, fortunatament għad baqa' xi ħaġa zgħira kontemporanja magħhom. F'wieħed mill-armarji tas-Sagristija l-Ġdida matul il-ġanet tal-festa għadna nistgħu naraw salib (proċessjonali) u kalċi tas-seklu ħmistax jew bidu tas-seklu sittax. Insibu wkoll il-balla tal-istandard tal-fratellnza tas-Sagrament tas-seklu sittax tardiv u plattin b'xogħol martellat (ngħidulu kkonunuikament 'taċ-ċriev'), b'xogħol delikat probabbliment tas-seklu ħmistax tardiv. Teżisti wkoll pjaneta tas-seklu sittax. Ta' dan il-perjodu, jew ftit aktar tard huma l-kaxxerizzi tal-fratellanzi fil-parti ta' ġewwa tas-sagristija l-qadima, kif wkoll il-gradenza li preżentement tinsab fid-dar tal-Arċipriet. Din id-dar (tissejjaħ anke kanonika) hi waħda mill-eqdem f'pajjiżna li baqgħet tintuża b'mod kostanti b'dan l-iskop sa' mill-1636. Din id-dar flimkien ma' djar sinjorili oħra ta' dan il-perjodu juru b'mod ċar li f'Ħaż-Żebbuġ tas-seklu ħmistax/sittax kien hemm numru ta' benestanti mhux ħażin.

M'hemmx dubju li ż-żmien tad-deheb



għar-raħal kien dak tas-sekli sbatax u tmintax, l-aqwa żmien taħt il-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Kien hawn li żdiedet qatieħ il-popolazzjoni; il-qassisin u kjeriċi; kif ukoll il-professjonisti. Inbnew bosta palazzi, inkluż dak tal-Isqof u tal-Balliju, li kien it-tabib personali tal-Gran Mastru. Ma jistax jonqos li tkabbret il-knisja parrokkjali u nbidlu diversi kappelli. Il-knisja parrokkjali ġiet ukoll iddotata b'ħafna ġid ta' kull xorta: bini, artijiet, flus u bosta opri tal-arti.

Hawn nassistu għal programm ta' rikostruzzjoni ta' partijiet prominenti tat-tempju li tispikka fihom il-klassi tal-iskalpellini u disinjaturi li fornewhom bl-idejat. Il-prospettiva tal-kor hi ta' stil Klassiku b'xogħol munamentali b'żewġ pari ta' kolonnar Korint fuq pedestallata għolja. Kull fejn tħares lavur delikat u spjegat b'tematika kumplessa. Il-kappelluni ġew wara s-suċċess ta' dan il-proġett li kien wieħed grandjuż fil-kobor u fl-arti. Intefqu ħafna flus, iżda l-livell ta' skultura fil-ġebla mal-prospettiva u arzellati tal-erba' faċċati huma l-aqwa sodisfazzjon. Huma festa tal-Barokk, kollox f'moviment qisek qed tassisti għat-Teatru. Fortunatament, ħlief



*Xogħol tassew imponenti fl-injam li jinsab fis-sagristija tax-xellug tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.*

għal dik tar-Rużarju, l-kumplament għadu ntatt ipaxxina, kif għamel lil antenati tagħna. Hawn ta' min jagħmel parentesi ċkejkna biex isemmi wkoll l-artali sbieħ li jsebbħu dawn il-kappelluni. L-għażla tal-irħam hija fattur mill-aktar importanti u wara t-tiżjin bl-injam jew bronz. F'nofshom imbagħad l-artal maġġur, opra mill-aħjar (għalkemm fis-seklu dsatax ġiet mneżża mil-faċċata tal-mensa kontra kull regola ta' l-arti), li nħadmet f'Ruma fuq disinn ta' Zahra. Il-Ġilandra u t-tabernaklu fihom ornamenti tal-bronz indurat il-ġmiel tagħhom. Jingħad li din it-tribuna kellha titneħħa minn fuq l-artal u għaliha sar bħala bażi il-ħawt tal-irħam li hemm ħdejn il-bieb maġġur biex jintuża bħala battisterju. Dan bit-tama li tkun tista' ssir il-ġilandra tal-fidda ħalli jitkompla t-tagħmir rikk tal-maġġur. Però, kienu diversi li ma' xtaqux ineħħu il-ġilandra mill-post oriġinali tagħha, għalkemm dan iċ-ċaqliq kien studjat minn qabel. Wieħed li kien ferm kontra li dan isir kien l-Arċisqof Gonżi li sa żmienu kien għadu jippersisti l-ħsieb tal-proġett.

Fis-sekli sbatax u tmintax saru wkoll bosta mill-oġġetti għal użu Liturġiku u għat-tiżjin tal-festi prinċipali. L-aktar li ntuża kien l-injam, li fir-raħal kont issib mastrudaxxi gwappi għalih. L-akbar proġett kien dak tas-sagristija l-ġdida, sew bħala flus minfuqa kif ukoll materjal li ntuża. Wieħed irid jifhem li dan kien proġett maħsub mill-bidu bħala sagristija li kellha taqdi numru mdaqqas ta' saċerdoti, kif ukoll turi l-prestigju tal-parroċċa u r-raħal f'dak il-perjodu. Għalhekk sar xogħol ta' livell mil-aktar għoli li sa llum għadu ma ġiex issuperat f'ebda' knisja lokali. Kien hemm ukoll il-prestiġju tal-benefatturi, nies mill-aktar kolti u benestanti. Ħi ħasra li dan ix-xogħol mhux studjat u magħruf fostna, u għar minn hekk mhux tant ikkultivat, speċjalment l-affresk prezjuż tas-saqaf li għandu bżonn urġenti ta' restawr professjonali.

Proġett ieħor maħdum fl-injam li rrnexxa hu dak tas-sedji u l-leġiju fil-kor. Dawn saru



*Xogħol sabiħ ta' l-injam li jinsab fil-kor tal-Knisja Parrokkjali ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ.*



kapsula li tintuża fl-artal tar-Repożizzjoni (Sepulkru), kif ukoll il-vara tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol Pietru Feliċi, ispirat mill-vara li Melchiorre Gafà għamel għad-Dumnikani tar-Rabat.

Dan kien perjodu fejn saru wkoll bosta oġġetti tal-fidda, uħud minnhom ta' kwalità għolja, mill-aħjar arġentieri li kellna f'pajjiżna u kultant miġjuba minn barra wkoll. L-akbar proġett żgur li kien dak tal-gandlieri tal-prima għal-artal Maġġur. Dawn il-gandlieri huma mhux biss ta' preġju minħabba l-kwantità u l-kwalità ta' fidda li għandhom, iżda l-aktar għad-disinn raffinat bi stil Barokk li fihom. Dawn iżżanżnu f'San Filep tal-1792 u huma xogħol ta' Pietro Megliorino. L-istess arġentier ħadem oġġetti oħra għal knisja tagħna fostom il-gandlieri tat-torċetti u żewġ ċnieser ukoll fi stil Barokk.

L-arġentier Michele Brondes ħadem



*Il-ħawt jew funtana ta' l-irħam, fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.*

bejn l-1721 u l-1724 fuq disinn ta' Pietru Pawl Troisi. L-artal sabiħ tal-injam u ndurat bid-deheb sar biex jieħu fuqu l-kustodja għar-relikwji ta' San Filep. Dan ukoll sar fuq disinn ta' Troisi fl-1724. Hu l-uniku artal bi tliet skannelli u kinet sfortuna meta fis-seklu dsatax tneħħiet il-mensa oriġinali biex saret oħra bi stil differenti ħalli jitpoġġa l-korp-Sant ta' San Gawdenzju. Fil-parti tan-nofs, tispikka l-kustodja eleganti Barokka, li wisq probabbli kienet ispirata minn dik li hemm fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-figura ta' Kristu Rxoxt hija attribwità lil Saverio Laferla, xogħol ta' klassi fil-kartapesta li però ftit jitgwada.

Opri oħra fl-injam huma l-konfessjonarji, oriġinarjament bis-saqaf mhux kif narawhom illum; il-pulptu, li sfortunatament meta tneħħa mill-knisja ġie mmutilat u sussegwentement rabba s-saqajn; it-tużell, li llum jintuża għal festi sekondarji, kif ukoll bosta tagħmir tal-artali, bħal ġilandri u ventartali. Sabiħa wkoll il-



*Xogħol sabiħ ta' l-irħam, li hu parti mill-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.*

żewġ opri mill-isbaħ li jitgawdew fil-festi prinċipali. Dawn huma l-lampier il-kbir u s-Salib tal-Kleru. It-tnejn fihom xogħol impekkabbli ta' disinn Barokk li Brondes kien tant kappaċi għalih; tant li donnu jmur fir-*Roccoco*. Biċċa xogħol sabiħa ta' dan il-perjodu huwa bla dubju ir-relikwarju tal-padrun tal-parroċċa, San Filep t'Aġġira. Kien iżżanżan fl-1724 u hu għotja tal-Gran Mastru De Vilhena. Dan serva ċertament biex ikun ta' livell għoli kif juri x-xogħol innifsu. L-anġlu li jservi bħala sieq ifakkrek f'bosta relikwarkji simili Sqallin u wisq probabbli sar fuq disinn ta' Pietru Pawl Troisi li kien jaħdem mal-Ordni u li kien responsabbli għad-disinn tal-kustodja fejn titpoġġa din ir-relikwija matul is-sena . Is-Salib bi tminn ponot fil-parti ta' fuq, ikompli jissiġilla din ir-rabta mal-Kavallieri ta' San Gwann. Madwar l-għadma qaddisa hemm xogħol delikat bil-filigranu tad-deheb maħdum mill-qassis-arġentier Frangisk Protoplasti, filwaqt li żmien wara saru t-topazi u ġawhar prezzjuż mad-dawra tal-kristalla b'għotja tal-Isqof Żebbuġi, Franġisku Saverju Caruana. Naturalment, il-fidda li saret f'dawn iż-żewġ sekli hi ferm aktar kotrana; bħal kalċijiet, baċilli, buqari, karti-glorja, lampieri u speċjalment l-isfera l-kbira.

Fis-sekli sbatax u tmintax, saru wkoll bosta kwadri tal-pittura li fosthom jispikkaw l-aktar dawk ta' Francesco Zahra fil-kor. Dawn huma festa tal-Barokk u kapulavur tal-artist kif inhu wkoll dak ta' San Publiju fil-kappella tas-Sagristija. Saru wkoll l-aħjar tessuti li għandha l-knisja, l-aktar bl-apparat tal-imbrukkat li nġieb minn Messina.

Fis-seklu dsatax kompla jsir tibdil fl-istruttura u anke fid-dekorazzjoni, li mhux dejjem ħalla mpatt tajjeb. Per-eżempju, bil-bini tan-navi, intilfu l-prospettivi sbieħ tal-artali tal-knisja. L-akbar u l-aqwa opra li saret bla dubju hija l-vara majestuża ta' San Filep, biċċa xogħol ta' klassi superjuri u unika fil-ġeneru tagħha f'pajjiżna. Jien inħobb insejjħilha "l-akbar kapulavur artistiku tas-seklu' u ninsab ċert li meta xi darba tkun magħrufa u studjata kif jixirqilha, tagħmel aktar ġieħ lil minn ħadimha, ikkummisjonha u għamel tajjeb għaliha. Mhux faċli tifhem id-dehen u kuraġġ li kellhom dawk li ħolmu u wettqu b'suċċess dan il-proġett grandjuż. Li hu żgur hu li dak li għamlu huma aktar minn mija u erbgħin sena ilu għadu ma ġiex isspuerat, kif nassumi li ser jiġri fil-ġejjieni.

Proġett ieħor maħdum fil-fidda, li għal isem tal-artisti nvoluti fih ftit li xejn hu magħruf, hu dak tal-Evenġelisti li jintramaw fuq is-sekonda tal-Maġġur fil-festa titulari. Bħal mad-disinjatur tal-vara titulari, Luigi

Fontana kien magħruf f'Ruma ta' żmienu, hekk ukoll fil-każ ta' dawn l-istatwetti, kienu ddisinjati minn Frederick Overbeck, artist magħruf Ġermaniz. Bħal vara titulari wkoll huma, f'idjoma Purista, tipiku tal-perjodu tan-Neo-Kassiċiżmu. Wieħed ma jistax ma jsemmix anke l-vintartal tal-maġġur, xogħol ieħor tal-fidda li però ġie maħsub u mmudellat minn artisti lokali għalkemm maħdum fil-Germanja. Dawn kienu ż-Żebbuġin Lazzru Pisani u Franġisku Sciortino.

Fis-seklu għoxrin kompla jsir aktar armar marbut mal-festa ta' San Filep, fosthom it-tużell u l-gwarniċi tal-Via Sagra, it-tnejn fuq disinn ta' Abram Gatt. Opra oħra sabiħa fl-injam iddisinjata minn Gatt hija dik tal-Gallarija ta' l-Orgni. Xogħol ta' klassi narawħ ukoll fil-Bradella u l-Bankun tal-Vara tar-Rużarju, b'disinn, skultura u nterzjar tajjeb. Mhux ta' min iħalli barra opra ta' bilħaqq artistika, xogħol fil-ħadid (ferro-battuto) li hi t-taraġ fuq wara tal-artal maġġur. Id-disinn qisu bizzilla hu maħdum b'sengħa kbira.

Kull m'għamilt f'din il-kitba qasira huwa li semmejt ftit mill-ħafna opri artistiċi li nsibu fil-knisja parrokkjali. Ftit li xejn trattajt mill-pittura u t-tessuti li wkoll mhux neqsin minn f'din il-knisja. J'Alla jibqa' jsir studju fuq dan il-patrimonju li juri kemm iż-Żebbuġin ta' kull żmien ħabbew lir-raħal u l-knisja parrokkjali tiegħu. Illum aħna fid-dmir li nħallu għal ta' warajna dan kollu fi stat tajjeb, filwaqt li nippruvaw inkattru dan il-wirt permezz ta' opri sbieħ u ta' livell artistku, li juru l-kapaċità ta' artisti kontemporanji.

© Raymond Saliba 2004